**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 18 ta' Dicembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Elliott Magro**
**Spettur Edel Mary Camilleri**

**Vs**

**Jonathan Abela**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jonathan Abela ta' 33 sena, iben John u Maria antonia nee' Stoner Incorvaia, imwieled Pieta' fit-3 ta' Jannar 1982, residenti 114, Suret il-Bniedem, Triq San Albert, Gzira, Malta kif ukoll No. 5 Sqaq numru 2, triq ix-Xatt, Pieta', u detentur tal- Karta tal-Identita' bin-numru53682M;

Talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn is-17 ta' Dicembru, 2015, u l-granet u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. F’xi hin bejn l-16:30 ta’ wara nofsinhar tat-12 ta’ Novembru 2015, u s-6:50 ta’ filghodu tat-13 ta’ Novembru 2015, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ flus f’kontanti u cioe’ 50 ewro, kif ukoll laptop ta’ ghamla Dell, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu, izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu, bil-mezz, kif ukoll bil-hin, sar ghad-detriment ta’ Theresa Miceli u Micheline Grech u l-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

2. Kif ukoll talli f’xi hin bejn l-16:30 ta’ wara nofsinhar tat-12 ta’ Novembru, 2015 u s-6:50 ta’ filghodu tat-13 ta’ Novembru 2015, f’dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorriz l-elfejn u hames mitt Ewro imma hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro saret ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

3. Kif ukoll talli f’xi hin bejn it-15:00 ta’ wara nofsinhar u 2 ta’ Dicembru 2015 u s-7:00 ta’ filghodu tat-3 ta’ Dicembru 2015, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ flus f’kontanti u cioe’ 400 Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin u sar ghad-detriment ta’ diversi persuni ohra;

4. Kif ukoll talli f’xi hin bejn it-15:00 ta’ wara nofsinhar tat-2 ta’ Dicembru 2015, u s-7:00 ta’ filghodu tat-3 ta’ Dicembru, 2015, f’dawn il-Gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara li ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Ewro imma hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro saret ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u/jew persuni ohra;

5. Kif ukoll talli f'xi hin bejn l-4 ta' filghodu tas-17 ta' Dicembru 2015, u l-4:20 ta' filghodu tas-17 ta' Dicembru 2015, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' camera digital ital-ghamla Canon ta' lewn ahmar, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin, sar ghad-detriment ta' Theresa Miceli u l-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

6. Kif ukoll talli f'xi hin bejn il-16:45 ta' wara nofsinhar tas-16 ta' Dicembru 2015, u t-7:45 ta' filghodu ta' nhar is-17 ta' Dicembru 2015, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' flus u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u Multi Vend Ltd., u/jew persuni ohra;

7. Kif ukoll talli f'xi hin bejn il-16:45 ta' wara nofsinhar tas-16 ta' Dicembru 2015 u t-7:45 ta' filghodu ta' nhar is-17 ta' Dicembru 2015, f'dawn il-Gzejjer, volontarjment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix l-ammont ta' tlieta w ghoxrin Ewro u disgha w ghoxrin centezmu saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

8. Talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

   Finalment, talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien instab hati ta' reati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261 (b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 267, 269, 270, 289, 325 (1)(b)(d), 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li semghet lill-imputat, jikkonferma l-ammissjoni tieghu, u dan wara li nghata z-zmien rikjest fil-ligi sabiex jikkonsidra tali ammissjoni;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi Jonathan Abela, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Inoltre, tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva sabiex l-imputat jigi provdut l-ghajnuna necessarja sabiex jibda' programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.